MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Numru 1460/2007

PULIZIJA
SPETTUR RAMON MERCIECA
VS
GEORGE ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Zammit ta’ 41 sena bin Annunziato u Helen nee’ Zammit, imwieled Ghaxaq, nhar it-3 ta’ Gunju 1966, u residenti gewwa ‘Hellon House’, Dawret Hal Ghaxaq, Ghaxaq, u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ b’numru 260566(M).

Illi huwa akkuzat talli nhat it-13 ta’ Settembru 2007, ghall-habta ta’ xi 07:30hrs, gewwa dawn il-Gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta’ Paul Axiaq minn Birzebbugia, liema hsara tista’ ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett

permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem jew inkella gab dizordni f’mohha, u dan skond ma ccertifika Dr. Jonathan Joslin MD mill-Isptar San Luqa (Artikoli 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Paul Axiaq u tapplika l-provvediment ta’ Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Filwaqt li nesebixxi estratt mill-Att tat-twelid u l-fedina penali ta’ l-imsemmi George Zammit nitlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-Atti kollha tal-kas;

Rat il-kunsens ta’ l-AG (fol. 4) u dak ta’ l-imputat (a fol. 7) sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat a fol.6

Rat illi l-imputat rega’ tenna l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti sabet lill-imputat, George Zammit, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Probation Order ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nomitat.

Illi in oltre ai termini ta’ l-Artikolu 7(5) (c)(e) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqieghed lill-imputat taht ‘treatement order’ taht il-kura tal-psikjatra Dr.Etienne Muscat, skond ‘treatement plan’ imhejjija minnu u dana ghal perijodu ta’ tlett snin.

Din il-Piena giet akkordata wara illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spec ital-kaz u b’mod specjali x-xhieda ta’ Dr.Etienne Muscat u rapport minnu esebit u mmarkat bhala Dok.C

In oltre il-Qorti ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht garanzija ta’ 232.94 Euro ghal sena bl-obbligazzjoni illi l-imputat ma jimmolestax lil Paul Axiaq, il-kwerelant, f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------